MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2012

Talba Numru. 205/2012

**Carmelo u Sonia RITCHIE**

**Vs**

**Renald Barbara**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba ta' l-atturi mressqa fit-12 ta' Marzu, 2012** u li permezz taghha l-atturi talbu lill-konvenut jhallashom is-somma ta' elf erba' mija u wiehed u sittin euro [€1,461] u dan wara li ppremettew hekk:

"Illi l-intimat ikkaguna danni fuq il-vettura ta' l-atturi bin-numru DAN-364 tal-marka Isuzu, meta fil-hin li din kienet ipparkeggjata fi triq il-Merill, Kappara, l-intimat b'negligenza u traskuragni waqqa oggetti fuqha li kkagunaw hsara lill-istess vettura;

Illi kien l-intimat stess li rraporta dan l-incident gewwa l-Ghassa tal-Imsida, rapport numru PIRS 1, PIRS II;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru u l-imghaxijiet dovuti skont il-ligi".

Ra li l-konvenut gie notifikat fit-talba fl-10 ta' Mejju, 2012 u sad-data tas-seduta huwa baqa ma pprezenta l-ebda risposta u lanqas deher.

Ra l-verbal datat 22 ta' Gunju, 2012 fejn wara li l-attur iddikjara li ma ghandux aktar provi Dott. Cardona talbet li l-kawza tmur ghas-sentenza. It-Tribunal laqa t-talba u ddiferixxa l-kawza ghas-sentenza ghal lum.

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. **L-attur Carmelo Ritchie** xehed fis-seduta tat-22 ta' Gunju, 2012. Huwa beda biex qal li kien ipparkja l-karozza tieghu tat-tip Usuzu Gemini bil-pjanca ta' registrazzjoni DAN-364 fejn in-naha ta' wara tal-garaxx ta' Mizzi (fejn l-Empire Stadium) il-Gzira u hallieha hemm matul il-lejl. X'hin mar hdejn il-vettura tieghu l-ghada filghodu, huwa sab li l-vettura tieghu kienet garbet xi hsarat. Mal-*windscreen* u precizament taht il-*wiper* huwa sab karta, liema karta giet esebita u mmarkata bhala dok. A. Fuq dan id-dokument ossia karta hemm id-dettalji, fost affarijiet ohra, ta' l-Ghassa tal-Pulizija ta' l-Imsida. L-attur mar hemm u kellem lill-Pulizija fejn dawn qalulu li l-konvenut kien ghamel rapport gewwa l-Ghassa li l-vettura ta' l-attur kienet garrbet xi hsarat. Fuq din il-karta hemm isem il-konvenut miktub bil-biro. Meta gie mistoqsi minn kiteb dan l-isem fuq din il-karta, l-attur qal li kienu l-pulizija stess.

Huwa kellem lill-konvenut u talbu sabiex jaghmel tajjeb ghal hsarat li l-vettura tieghu soffriet tort ta' l-istess konvenut. Skond ma xehed l-attur, il-konvenut kien weghdu diversi drabi li kien sejjer ihallsu ta' l-ispejjez, izda

wara hafna weghdi, l-attur qata qalbu u beda dawn il-proceduri.

L-attur esebixxa ukoll dokument li gie mmarkat bhala dok. B li hija stima tax-xogholijiet li jridu jsiru fuq il-vettura tieghu sabiex din terga tingieb ghal istat li kienet qabel ma sehh dan l-incident. L-ammont skond din l-istima huwa dak mitlub u cioe elf erba' mija wiehed u sittin euro (€1,461).

Ikkunsidra ulterjorment;

2. **L-artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380** u cioe l-Att dwar it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar jipprovdi billi:

"*13. Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

*(b) jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeciedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-Titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis*".

3. Hekk ghamel it-Tribunal, semgha l-provi u issa sejjer sabiex jiddeciedi dan il-kaz.

4. Jibda biex jinghad li l-konvenut ma ressaq l-ebda risposta. Madanakollu, t-Tribunal ma jistax jaqbad u jghalaq ghajnejh u jiddeciedi favur l-attur jekk l-attur ma jkunx gab bizzejjed provi sabiex jikkonvincieh li t-talba tieghu hija misthoqqa. Dan l-istess bhal meta l-konvenut jkun kontumaci fil-Qrati superjuri.

5. Gie rilevat illi "*ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dana ma jfissirx illi huwa abbanduna kull*

*eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domandi. Il-gudikant ghandu jezamina jekk it-talba hiex gustifikata indipendentement mill-kontumacja tal-konvenuti*[1]".

6. L-ewwel u qabel kollox, it-Tribunal irid jiddeciedi jekk il-kaz in ezami jaqas taht il-gurisdizzjoni tieghu l-ghaliex jekk dan ma huwiex il-kaz, huwa irid jiddikjara lilu nnifsu bhala mhux kompetenti li jiggudika l-materja taht ezami. Din l-eccezzjoni tista titqajjem marte proprio mit-Tribunal[2]. F'dan ir-rigward jinghad li fis-sistema guridika taghna *l-inkompetenza hi sollevabbli "ex officio" meta ghar-raguni ta' materja tal-kawza ma tkunx ta' kompetenza tat-tribunal adit*[3]. *Dan ghar-raguni illi l-kompetenza ratione materia hi ta' ordni pubbliku*[4] *u din allura lanqas tista' titwarrab bi ftehim bejn il-partijiet*[5].

7. B'hekk it-Tribunal huwa fid-dmir li *ex officio* jissolleva l-kwistjoni dwar il-gurisdizzjoni tieghu li jisma' u jiddetermina dan il-kaz, u ghalhekk ghandu jghaddi biex jaghti decizjoni fir-rigward.

8. L-Att dwar l-Arbitragg (Kap. 387) jistipula hekk fil-paragrafu 1.2 tat-Taqsima A tar-raba skeda tieghu li jitkellem dwar tilwimiet dwar it-Traffiku ta' vetturi bil-mutur.

"1.2 Tilwimiet dwar it-Traffiku ta' Vetturi bil-Mutur

---

[1] Vol XXIX pIII p35

[2] Ara artikolu 774 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

[3] **Emmanuele Vella v. Raffaela Barbara**, Appell Civili, 31 ta' Mejju 1957; **Patrick Grixti Soler v. Vincent Sultana**, Appell Civili, 27 ta' Marzu 1981).

[4] Vol. XXIX pII p468

[5] **Carmelo Degiorgio noe v. George Farrugia**, Appell Civili, 8 ta' Mejju 1981; **John Spiteri et v. Stephanie Spiteri pro et noe**, Appell Civili Nru. 23/99 deciza mill-Bord li Jirregola l-Kera fit-12 ta' Dicembru 2001 u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell fl-20 ta' Ottubru 2003, **Sea Services Limited v. Paul Aquilina**, Citaz. Nru. 539/00 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Dicembru 2001 u **Joe Borg Olivier pro et noe v. Il-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Xoghol u Familja**, Rik. Nru. 79/11, sentenza parzjali moghtija mit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva fis-26 ta' Settembru 2011.

Kull tilwima civili jew kummercjali, li ma tkunx wahda li jkollha x'taqsam ma' talba ghal danni ghal hsara fil-persuna, li tkun tilwima li torigina minn:

(*a*) kollizjoni bejn vetturi, jew

(*b*) hsara involontarja fil-proprjetà li tinvolvi l-vetturi, jew

...."

9. Il-punt li ghandu jigi dibattut mit-Tribunal huwa jekk hu ghandux il-gurisdizzjoni li jisma u jiddeciedi dan il-kaz invista ta' dak li jghid il-Kapitolu 387 u cioe l-Att dwar l-Arbitragg.

10. Jibda biex jinghad li fuq dan il-punt hemm zewg sentenzi moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell li huma divergenti.

11. L-ewwel wahda hija: **Middlesea Insurance plc et vs Gevimida Limited** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-23 ta' Ottubru, 2009 sedenti l-Onor. Imh. Ph. Sciberras. Dik l-Onorabbli Qorti, qalet hekk:

"3. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-ligi kif inhi, rettament interpretata, ma ssostnix il-pretensjoni ta' l-appellanti. Ictu oculi, mill-istess intestazzjoni tas-subaragrafu 1.2, il-kontroversja li l-legislatur jirrizerva b'mod mandatorju lill-Arbitragg huma dawk li ghandhom rapport kazwali ma' incidenti ta' traffiku li jikkagunaw dannu materjali fl-istess vetturi jew fil-proprjeta ta' terzi b'effett tat-tamponament f'dik l-istess proprjeta minn vettura jew vetturi ko-involti f'dak l-istess incident stradali. Il-kaz tat-tigrif ta' hajt fuq vettura stazzjonarja minghajr dik il-konnessjoni mhix wiehed minn dawn. Sewwa ghalhekk irraguna t-Tribunal illi dak ikkontemplat mill-ligi hija hsara kagonata bl-intervent ta' vettura u mhux hsara li tista ssehh fuq vettura, hi x'inhi l-fonti taghha"

12. It-tieni wahda hija: **Joseph Ciscaldi noe vs Nicholas Camilleri** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-19 ta' April, 2012 sedenti l-Onor. Imh. Raymond C. Pace. Dik l-Onorabbli Qorti qalet hekk:

"Illi din il-Qorti thoss li l-kliem tal-Ligi huwa car fis-sens li fejn hemm hsara fuq proprjeta li tikkonsisti f'vettura u liema hsara qed jigi allegat li giet ikkawzata involontarjament mela allura tali mertu huwa suggett ghall-arbitragg mandatarju skond id-disposizzjonijiet tal-artikolu 1.2 (b) tat-Taqsima A tar-Raba Skeda tal-Kap. 387 u dan stante li tali disposizzjonijiet mhux limitati biss ghall-hsara ikkawzata fil-vetturi kawza ta' kollizzjoni bejn tnejn jew aktar, li huwa kopert bl-artikolu 1.2 (a) tat-Taqsima A tar-Raba Skeda tal-Kap. 387, izda wkoll ghall-hsara fil-proprjeta li tikkonsisti f'vettura mbasta kkawzata b'mod involontarju u dan kif indikat proprju fl-artikolu 1.2 (b) tat-Taqsima A tar-Raba Skeda tal-Kap. 387.

Illi ghal din il-Qorti l-kliem stess tal-Ligi huwa car fih innifsu u ma hemmx bzonn li tirreferi ghal xi att iehor hlief il-ligi stess u la darba l-kliem stess huwa car, mela allura ghandha tittiehed fis-sinifikat naturali taghha ut sic u xejn izjed. Ma hemmx dubju li fl-imsemmi artikolu 1.2 (b) tat-Taqsima A tar-Raba Skeda tal-Kap. 387 ma hemmx riferenza ghall-kollizzjoni bejn zewg vetturi (kif hemm fl-artikolu 1.2 (a) u kull ma jirreferi l-imsemmi artikolu huwa li bizzejjed ikun hemm hsara fi proprjeta li tikkonsisti f'vettura – l-element ta' kollizzjoni bejn vetturi mhux rikjest f'dan is-subartikolu, u ghalhekk hemm distinzjoni bejn l-artikolu 1.2 (a) u (b) tal-imsemmija Skeda."

13. Il-kuncett tal-precedent fil-ligi taghna ma jezistiex. Anke li kieku jezisti, hawn ghadna zewg sentenzi li huma dijatrikament opposti ghal xulxin. Dwar il-kuncett tal-precedenti jinghad li:

"Fis-sentenza fl-ismijiet **Romea Giulia Fenech-Pace et vs. Francis Sciberras** (Prim'Awla, 7 ta' April, 1964 *per* Imh. Maurice Caruana Curran) li giet konfermata *in toto* fl-appell fid-29 ta' Jannar, 1965 [*Kollezz*. **Vol.XLIX-I-148**] kien asserit li, "*Kull gudikant huwa responsabbli ta' l-interpretazzjonijiet li huwa jpoggi fuq it-test tal-ligi. L-awtorità tal-gurisprudenza (qawwija kemm hi qawwija) tezisti 'de facto' u bhala materja ta' perswasjoni u mhux 'de jure' bhala 'binding authority'; u din l-awtorità, kif jghid il-Professur Sir Carleton Kemp Allen f'Law in the Making (Oxford University Press 1961 Edit. p. 179, fejn jikkompara s-sistema inglis mas-sistema kontinentali)* ***ma tigix minn sentenza wahda anke tal-oghla tribunal imma minn kurrent ta' decizjonijiet*** *li huwa 'so strong that it has settled into judicial practice or Custom of the Court'. Il-gudikant jista' jinvoka, in sostenn tal-konkluzjonijiet tieghu,* ***il-prattika kostanti tal-Qrati*** *jew l-opinjoni ta' Kommentaturi akkreditati imma ma jistax jistahba wara awtorità estranea ghalih*."

14. Tant hu hekk illi l-Qrati taghna sahansitra ghallmu illi, "… *per quanto una costante giurisprudenza debba essere rispettata dai Tribunali, se però nell'interesse dell'amministrazione della giustizia é richiesto di non poter più abbracciare una dottrina precedentemente ammessa, diviene dovere dei giudicanti di dipartirsene e non perseverare in quella, in cui l'esperienza o la teoria hanno dimostrato l'errore*[6]." Dan huwa hekk, ghax kif gustament imfisser fis-sentenza elaborata fl-ismijiet **John Lowell noe et vs. Onor. Carmelo Caruana noe et**[7], "*il-ligi u d-dottrina legali ma humiex statici daqs kemm kultant ipinguhom u ukoll jimxu u jevolvu maz-zmienijiet iktar liberali u demokratici li ahna fihom*."

15. Illi hija l-fehma konsiderata tat-Tribunal li l-posizzjoni korretta hija dik mehuda mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza **Ciscaldi noe vs Camilleri** fuq citatat.

---

[6] **Negte Emmanuele Scicluna pro et noe vs. Negte Giuseppe Calcedonio Borg pro et noe**, Appell Civili, tal-21 ta' Gunju, 1871.

[7] Prim'Awla, 14 ta' Awwissu, 1972; mhux pubblikata

16. Kif gustament irreteniet dik l-Onorabbli Qorti fis-sentenza hawn appena citata – b'referenza ghas-sentenza l-ohra **Middlesea Insurance plc et vs Gevimida Limited** – "*Din ma hijiex kwistjoni ta' interpretazzjoni stretta o meno tal-ligi, izda hija nterpretazzjoni ta' dak li tghid il-ligi b'mod car peress li l-kliem uzat huwa skjett fih innifsu u ghandu t-tifsira naturali tieghu, u allura kemm jinqara u dak li jfisser jigi applikat*".

17. Fl-artikolu 1.2(b) tat-Taqsima A tar-Raba Skeda tal-Kap. 387 ma hemm ebda rekwizit li sabiex hsara fil-vettura taqa taht ir-regim ta' arbitragg mandatarju hemm bzonn li jkun hemm kollizzjoni jew involviment ta' zewg vetturi, b'dan li l-hsara kkawzata fil-vettura tkun rizultat ta' impatt ma vettura ohra.

18. It-Tribunal jaghmel referenza ghal sentenza ohra moghtija minn dan it-Tribunal kif diversament ppresedut fl-ismijiet **Thomas Smith Insurance Agency Limited noe vs. Mario Borg et**, moghtija fid-9 ta' Lulju, 2008. Skond din id-decizjoni:

"... *l-iskeda msemmija hija cara u bejn is-sub-inciz (a) u s-sub-inciz (b) taghmel appuntu din id-distinzjoni.*

*Minn naha l-wahda l-iskeda titkellem fuq kollizjoni bejn vetturi (1.2(a)) u minn naha l-ohra titkellem dwar hsara involontarja ohra li pero tinvolvi l-vetturi (1.2(b)) – u minkejja din id-distinzjoni, l-iskeda tpoggi, fil-parametri hemmhekk msemmija, l-obbligu tal-gurisdizzjoni fuq l-Arbitragg fi kwalunkwe miz-zewg kazijiet. F'dan il-kaz, il-gurisdizzjoni ta' l-Arbitragg hija esklussiva u kwistjonijiet li jaqghu taht kwalsiasi mis-sub-incizi msemmija ghandhom jigu determinati mill-Arbitragg.*

*Il-kwistjoni dwar jekk il-vetturi humiex in motion jew le mhix importanti. L-importanti huwa illi sakemm si tratta ta' hsara fuq vettura u ma tinvolvix ukoll hsara fil-persuna u taqa fil-limitu ta' €11,646.87, allura l-gurisdizzjoni tat-tilwima taqa fil-kompetenza esklussiva ta' l-arbitragg*".

19. Ghalhekk, din il-kwistjoni odjerna kellha tigi ntavolata fic-Centru ta’ l-Arbitragg ai termini tal-Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li l-kawza odjerna ma taqax fil-gurisdizzjoni tieghu u ghalhekk jiddikjara li huwa ma hux kompetenti *rationae materiae* sabiex jiehu konjizzjoni tal-kawza. Konsegwentement qed jillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------